# LECTIO DIVINA

# ID-DISA' U GĦOXRIN ĦADD

# MATUL IS-SENA (SENA Ċ)

## Lq 18,1-8

**Kuntest:**
Biex il-fidi tal-insara ma tiġix nieqsa bejn iż-żmien tal-ewwel u t-tieni miġja, Ġesu' jirrakkomanda l-importanza tat-talb u tal-istennija. Fis-snin 80 fl-Asja Minuri bdiet il-persekuzzjoni. Domizjanu kien jippretendi li kulħadd jadurah bħala Alla. Qalb l-iskoraġġiment fost il-komunita' nisranija kien hemm fl-istess waqt xewqa kbira li l-Mulej ma jdumx ma jerġa' jiġi. Is-silta ta' qabilha (Lq 17,29-37) għandha karattru eskatoloġiku għax tirrigwardja l-miġja finali tas-Saltna.

**[Lq:18:1] Mbagħad qalilhom parabbola biex jurihom li għandhom dejjem jitolbu bla ma jaqtgħu.**
**« dejjem jitolbu bla ma jaqtgħu »** (***pántote proseúchesthai***: cf. l Ts 1,2; Col 1,3)**:** Din ir-rakkomandazzjoni kienet karatteristika tal-ispiritwalita' tal-ewwel komuntajiet : « Ifirħu dejjem, <u>itolbu bla heda</u>, iżżu ħajr lil Alla f'kollox. Dan u li jrid Alla mingħandkom fi Kristu Ġesu' » (1 Ts 5,16-18). Hija wkoll waħda mit-temi ta' Luqa, kemm fil-Vanġelu kif ukoll fl-Atti. Il-bżonn tat-talb bla waqfien huwa bżonnjuż biex l-insara ma jidħlux fit-tentazzjoni li tonqos fihom il-fidi u li jaqtgħu qalbhom quddiem il-persekuzzjoni u d-dubji dwar il-miġja tas-Saltna. Għal Luqa li tkun dixxiplu u li titlob huma l-istess ħaġa.
**« li għandhom » : (*deî*** = huwa neċessarju) - jidher 41 darba minn 102 darba fit-Testment il-Ġdid - għax it-talb huwa karaterizzat mir-reżistenzi: "Nħeġġiġkom, ħuti... tqabdu miegħu intom u titolbu lil Alla għalija" (Rum 15,30 ara wkoll Ġen 32,23ff).
**« bla ma jaqtgħu »** : Juża kelma minn Pawlu : ***mē enkakéin*** li tfisser ma tħallix id-dirgħajn iċedu, ma taqtax qalbek. Hemm riferenza għa-dirgħajn merfugħa ta' Mose' waqt li Iżrael qiegħed jikkumbatti mal-poplu ta' Għamalek (Eż 17,8-13). Iż-żmien tal-istennija jeħtieġ li jimtela b'insistenza tallaba.

**[Lq:18:2-3] Qalilhom: "Kien hemm f'belt wieħed imħallef, li la kien jibża' minn Alla u lanqas iħabbel rasu minn ħadd. F'dik il-belt kien hemm waħda armla, u kienet tmur għandu u tgħidlu, 'Agħmilli ħaqq kontra l-għadu tiegħi.'**

**« F'dik il-belt kien hemm waħda armla »** : Flimkien mal-iltim tirrappreżenta kategorija ta' persuni bla protezzjoni, esposti għal kull inġustizzja u sfruttatata anke mill-membri tal-istess familja (Eż 22,21-23 ; Is 1,17.23 ; Ġer 7,6 ; 22,3). Ma kellhiex il-mezzi biex tgħix u kienet esposta għal ħafna perikli: « La tgħawwiġx id-dritt tal-barrani jew tal-iltim ; u lanqas tieħu b'rahan il-libsa tal-armla » (Dewt 24,17).

**« "Kien hemm f'belt wieħed imħallef, li la kien jibża' minn Alla u lanqas iħabbel rasu minn ħadd. » :** L-imħallfin suppost kellhom jinteressaw ruħhom mir-romol : « Dan jgħid il-Mulej : 'Agħmlu l-ħaqq u s-sewwa u eħilsu l-maħqur minn id l-oppressuri u l-barrani, l-iltim u l-armla la tgħakksuhomx' » (Ġer 22,30).

**« 'Agħmilli ħaqq kontra l-għadu tiegħi.' » :** Quddiem il-preżenza tal-imħallef, l-armla, dgħajfa, fqira u mingħajr l-appoġġ ta' ħadd, diġa' tidher telliefa. Għandha kollox kontriha : l-għadu, is-sitwazzjoni tal-imħallef u l-istess l-ambjent soċjali tagħha.

**« li kienet tmur għandu u tgħidlu » :** Billi ma kellhiex biex tixtri lill-imħallef, l-armla tipprova l-unika arma li kellha : titlob u terġa' titlob, l-insistenza.

**[Lq:18:4-5] « Hu ma riedx, u dam ħafna hekk; iżda mbagħad bejnu u bejn ruħu qal, 'Mhux għax nibża' minn Alla jew għax se nħabbel rasi min-nies imma għallinqas għax din l-armla dejjqitni; ħa nagħmlilha ħaqq, biex ma tibqax ġejja u sejra sa ma tifnini.' " »**

**« Hu ma riedx, u dam ħafna hekk » :** L-imperfett juri azzjoni ripetuta. L-istruttura u l-kliem ta' din il-parabbola jaqblu ħafna mal-parabbola tal-ħabib li jmur jitlob f'nofs ta' lejl (ara Lq 11,5-8).

**« għax din l-armla dejqitni » :** F'dal każ l-armla fid-dgħufija tagħha ssib qawwa moħbija ġewwa fiha. Hija tema biblika : David ma' Gulija (1 Sam 17 : ara wkoll 1 Makk 4,3) ; Mose' mal-Fargħun (Eż 32,9-14.31-32) ; Pawlu li jiftaħar bid-dgħufija tiegħu « għax meta nkun dgħajjef, nkun qawwi » (2 Kor 12,7-10) ; Ġesu' li jsalva permezz tas-salib, il-Knisja li minkejja id-dgħufija tagħha « is-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex » (Mt 16,18).

**[Lq:18:6-7] U l-Mulej qal: "Isimgħu ftit x'jgħid l-imħallef il-ħażin. Mbagħad Alla, lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq? Se joqgħod itawwal magħhom?**

**« Isimgħu ftit x'jgħid l-imħallef il-ħażin » :** Huwa diffiċli tobsor li bniedem bla kuxjenza u bla qalb kien ser jasal jisma' t-talba ta' din l-armla !

**« Mbagħad Alla, lill-magħżulin tiegħu li jgħajjtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq? »** : « It-talba ta' l-umli tinfed is-sħab, u ma toqgħodx bi kwietha qabel tasal qrib il-Mulej, u ma tiqafx qabel mal-Għoli jagħti widen, u jagħti raġun lill-ġusti u jagħmel ħaqq. Il-Mulej ma jitnikkirx (Sir 35,17-19a ; ara wkoll Apok 6,9-11).

**« Se joqgħod itawwal magħhom? » :** Din is-sentenza tiftiehem aħjar jekk ma tinqarax bħala domanda: "Anke jekk huwa joqgħod itawwal ***(makrothymein*** = ħajja twila, paċenzja) magħhom". Il-magħżulin ma għandhomx jibżgħu jekk Alla jittardja ma jieħu azzjoni. Alla jintervieni, imma fil-mument opportun. Skont tema mifruxa fil-ġudaiżmu u fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid, Alla jittardja biex jagħti lil kulħadd il-possibilità li jippurika ruħu u jikkonverti: « Dan għandkom tkunu tafu, ħuti għeżież : li quddiem il-Mulej jum wieħed hu bħal elf sena, u elf sena bħal jum wieħed. Mhux għax jiddawwar il-Mulej li jtemm il-wegħdiet tiegħu, kif jaħsbu xi wħud, imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi iħadd jintilef, imma li kulħadd jersaq għall-indiema » (2 Pt 3,8-10 ara wkoll Rum 2,4).

**[Lq:18:8] Jiena ngħidilkom li malajr jagħmlilhom ħaqq. Imma taħsbu intom li Bin il-bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi?"**

Il-kuntest huwa dejjem eskatoloġiku (ara Dan 7,13). Jekk inżommu quddiem għajnejna: « U bħalma ġara fi żmien Noe', hekk ukoll jiġri fi żmien Bin il-bniedem… mbagħad ġie d-dilluvju u qeridhom ilkoll » (17,26-27), allura nifhmu l-kelmiet : « Jekk tibqgu sħaħ sal-aħħar issalvaw ħajjitkom » (Lq 21,19). It-talb jżomm ħajja l-fidi sal-miġja finali tal-Mulej.

**« Imma taħsbu intom li Bin il-bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi? » :** Dak li ismu huwa « Għimmanu-El » (Mt 1,23), huwa dak li jinsab dejjem preżenti fostna. Jiġi dejjem biex isalva.

**GĦAR-RIFLESSJONI :**

*Risulta chiaro chi e' la vedova della parabola : e' la chiesa di Luca, la chiesa cui e' stato sottratto lo Sposo, e' la comunita' che attende la sua venuta, anche se non conosce ne' il giorno ne' l'ora del suo rotorno e che ogni giorno, con insistenza implora : « Vieni Signore Gesu' » (Ap 22,20).* ***(Fernando Armellini)***